# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spetturi Godwin Scerri u Nicholas Vella)**

**vs**

**Hasam Samuel Ezzeldin**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputati **Hasam Samuel Ezzeldin**

**261199(M)** talli nhar il-Hadd 11 ta' Settembru, 2016, ghal habta tat-03:00 ta' filghodu, flimkien ma' persuna ohra u bhala wiehed mill-awturi, bil-hsieb li jwettaq serq aggravate, bil-hin, bil-mezz u bil-valur minn gewwa 'Belmar Bar' sitwat fi Triq il-Halel f'San Pawl il-Bahar, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u dan bi ksur **tal-Artikoli 41(1)(a), 262, 263 u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi imsemmija qabel, flimkien ma' persuna ohra u bhala wiehed mill-awturi, ikkaguna hsara volontarja, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' diversi oggetti u hwejjeg, liema hsara ma tisskorrix l-valur ta' 250 ewro, ghad-dannu ta' Gregory Steven Harvey u Anthony Camilleri u dan bi ksur **tal-Artikolu 41, 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Kif ukoll talli nhar il-11 ta' Lulju, 2016 minn gewwa l-lukanda 'Sunflower' karma numru 112 fi Triq Garcia de Toledo, San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' flus kontanti u dokumenti tal-bank u dan ghad-dannu ta' Camilla Chiacchieri, Martina Chiacchieri u Federica Ceccarelli liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur u bil-lok bi ksur **tal-Artikoli 263(a), 269(g), 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Ukoll talli fil-lejl ta' bejn is-16 u s-17 ta' Lulju, 2016 minn gewwa residenza 'Pacific Flats' Flat numru 1, Triq it-Tamar, San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' oggetti elettronici ghad-dannu ta' Brandon Lee Cutajar u Alfred Brincat, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-lok bi ksur **tal-Artikoli 263(a), 269(g), 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Ukoll talli fil-granet, hinijiet u postijiet imsemmija qabel ikkommetta diversi reati waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza bi ksur **tal-Artikolu 28B et tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tikkonsidra lil Hassan Samuel Ezzeldin bhala recidiv, b'sentenzi li huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra u dan ai termini **tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat li matul is-seduta tal-15 ta' Settembru 2016 l-Uffiċjali Prosekuturi ikkonfermaw l-imputazzjonijiet bil-ġurament;

Illi matul l-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat debitament assistit stqarr li kien inkondizzjonatament ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet miġjuba kontrih iżda mhux ħati tal-kumplament tal-imputazzjonijiet.

Il-Qorti bdiet tisma' x-xiehda miġjuba f'dan il-każ.

Illi matul is-seduta tad-19 t'Ottubri 2016 l-imputat stqarr li huwa kien ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni inkluż fis-sens illi għar-reati li ammetta għalihom tista'

tingħata piena ta' priġunerija jew pieni alternattivi u wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux ser jerġa lura minnha, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Fliet id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali, inkluż il-fedina penali tal-imputat u semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena.

Rat id-digriet tagħha li permezz tiegħu ħatret lid-Direttur tal-Probation u Parole sabiex jagħmel rapport ta' qabel is-sentenza fir-rigward tal-imputat. Rat ukoll ir-relazzjoni u semgħet ix-xiehda ta' Gordon Grech, li inter alia rrakkomanda li f'dan il-każ l-imputat għandu jingħata sentenza ta' priġunerija effettiva għalkemm saħaq li kien hemm bżonn li l-imputat ikollu gwida f'ħajtu.

***Ikkunsidrat : -***

Fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat din il-Qorti ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih skont kif intqal aktar il-fuq.

Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-piena li għandu jingħata l-imputat għar-reati kommessi minnu. Il-Qorti rat li huwa diġa kien ingħata l-opportunita li jkun jista' jibdel ħajtu meta din il-Qorti presjeduta mill-Maġistrat Dottor Francesco Depasquale kienet tagħtu sentenza ta'

priġunerija ta' sentejn sospiżi għal erba' snin, kif jidher ċar mill-fedina penali tiegħu. Din is-sentenza ingħatat lilu fil-5 ta' Diċembru 2014. Sitt xhur wara kien diġa qiegħed jerġa jikkommetti r-reat ta' serq. Inqabad u ttieħed il-Qorti. Din id-darba din il-Qorti presjeduta mill-Maġistrat Dottor Doreen Clarke b'sentenza tat-13 ta' Jannar 2016 ikkundannatu għal perjodu ta' sitt xhur priġunerija u għażlet li ma ddaħħalx fis-seħħ is-sentenza ta' priġunerija sospiża aktar il-fuq imsemmija. Minkejja dan, f'Lulju u Settembru tal-2016 reġgħa kkommetta reati oħra ta' serq u tentattiv ta' serq li wasluh għal dawn l-imputazzjonijiet li huwa ammetta.

Minkejja l-eta żgħira tiegħu, l-imputat għażel minn jeddu li jippersisti fl-iżball li jgħix ħajja ta' kriminalita' u serq b'mod partikolari. Almenu issa ammetta ħtijietu quddiem din il-Qorti u din il-Qorti issa ma tistax aktar ittih pieni alternattivi għal dawk ta' priġunerija effettiva.

# *Deċide*

li wara li rat l-Artikoli 17, 28A, 28B, 28C, 28D, 28E, 28F, 28G, 28H, 37, 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(c)(e)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 278(3), 280(2), 289, 325(1)(c) u 533 tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti qegħda ssib lil imputat **Hasam Samuel Ezzeldin**, reċidiv f'delitti, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u wara li ħadet ukoll kont tal-Artikoli 17 u kif ukoll tal-fatt li l-

imputat kien għadu minorenni meta wettaq id-delitti ta′ tentattiv ta′ serq u serq effettiv imputati lilu, tikkundannah piena :

i : kwantu għall-ewwel erba′ reati imputati lilu għall-piena ta′ **tnax (12) il-xahar priġunerija**;

ii : kwantu għall-ħames imputazzjoni wara li rat l-Artikoli 28A u 28B tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li qiegħda ssib li **Hasam Samuel Ezzeldin** wettaq ir-reati li għalihom hemm piena ta' priġunerija matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, ai termini tal-Artikolu 28B(1) tal-Kodiċi Kriminali qiegħda titratta miegħu għar-rigward tas-sentenza sospiża u konsegwentement qiegħda tordna li s-sentenza ta′ **erbgħa u għoxrin xahar priġunerija** sospiżi għal erba′ snin għandha tibda' sseħħ b′effett immedjat;

Għall-fini ta′ kjarezza, bis-saħħa ta′ din is-sentenza **Hasam Samuel Ezzeldin** qiegħed għalhekk jiġi kundannat għal perjodu komplessiv ta′ **sitta u tletin (36) xahar priġunerija.**

***Illum l-għoxrin jum mix-xahar ta′ Jannar tas-sena elfejn u sbatax, Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***

Ammissjonijiet/oħrajn/priġunerija effettiva